**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 46 – 2 ta' Mejju 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta' filgħaxija u saret Agenda 46. Il-laqgha bdiet fis-7 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Prezenti ghal-laqgha kien hemm il-Project Manager Philip Gatt.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kellu tlett settijiet ta' minuti x' japprova.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 44 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Agenda 44 jigu approvati hekk kif mresqa. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu hekk kif ipprezentati (110).

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 45 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Agenda 45 jigu approvati hekk kif mresqa. Huwa gie sekondat mill-kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu hekk kif ipprezentati (111).

1.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti tal-kontinwazzjoni ta' Agenda 45 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

1.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti tal-kontinwazzjoni ta' Agenda 45 jigu approvati hekk kif mresqa. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu hekk kif ipprezentati (112).

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier Philip Said ghamel referenza ghal Triq il-Buskett u talab li jkun jaf x' rimdeju jista jiehu l-kunsill sabiex ix-xoghol wieqaf jizblokka ruhu.

2.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li t-tender ta' Triq il-Buskett kien mahdum b' tali mod li ma kienx hemm kundizzjonijiet cari li jorbtu l-kuntrattur dwar il-perijodu ta' kemm irid idum il-kuntattur ghaddej bix-xoghol, anke minhabba x-xoghol extra tal-WSC. Is-Sindku kompla jghid li meta sar l-iscarifying il-perit kien imsiefer u meta gie lura nnota li f' certu partijiet tat-triq ix-xoghol ma kienx sar kif suppost u dan kien ha johloq inkonvenjent ghar-residenti u s-sidien ta' rziezet fl-inhawi. Is-Sindku spjega li l-perit informa b' dan bil-miktub lill-kuntrattur li minn naha tieghu ma qabilx ma' dak li kien qieghed jirrimarka l-perit. Is-Sindku Alfred Grixti qal li issa kien hemm ftehim li jsir rapport ta' surveyor u x-xoghol jimxi minn hemm.

2.1.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li kien dizappuntat b' dan il-kuntrattur u filwaqt li f' toroq ohra li hadem fihom kien ghamel xoghol tajjeb u ta' kwalita' fi Triq il-Buskett kien tilef id-direzzjoni.

2.1.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien jaqbel mal-Kunsillier Cortis u qabel ma jitkompla x-xoghol irid jassigura ruhu li dan kien qieghed isir tajjeb u dan fehmuh ir-residenti wkoll.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf xi zvilupp kien hemm dwar punt 6.1. ta' Agenda 45. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien se jghin lis-socjeta 12th May icaqlaq it-toqob tal-antarjoli fil-pjazza, izda rigward it-toqob ta' triq l-Imdina, l-Kunsill ma seta' jaghmel xejn peress li triq Imdina mhux responsabilta tal-Kunsill.

2.3. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo spjega li l-Kunsill Lokali taz-Zghazagh kien qieghed jiffinalizza l-applikazzjoni ghall-progett finali li se jkun jikkonsisti f' sessjoni ta' prova fejn iz-zghazagh ikunu jista jippruvaw diversi sports, sabiex dawn jigu mhajra jipprattikaw xi wiehed minnhom. Il-Vici Sindku fakkar li l-Kunsill kellu jiffinanzja l-50% tal-ispejjez tal-progett jekk dan jigi maghzul.

2.4. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo ghamel referenza ghal punt 6.5 tal-minuti u qal li kien wasal iz-zmien li jinhargu avvizi bhala sejha ghal min hu nteressat li jghallem f' dawn ir-revision courses. Kien hemm qbil li jitwaqqad kumitat apposta maghmul mis-Sindku Alfred Grixti, l-Vici Sindku Duncan Bartolo u l-kunsillier Philip Said.

2.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk ir-rapport tal-awdituri kienx lest. Is-Segretarju wiegeb li dan kien ghadu mhux lest.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza ghall-attenzjoni tal-kunsill.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li fuq direzzjoni tad-Dipartiment kien hemm tibdil fl-iskeda tal-pagamenti u ghalhekk minn dan ix-xahar il-pagamenti kienu se jibdew jigu prezentati b' dan il-mod. Is-Segretarju spjega wkoll li ghalkemm ma kienx se jkun hemm skedi separati ghall-kuntratturi u pagamenti ohrajn, kien se jipprova jnizzel il-pagamenti kuntrattwali quddiem. Is-Segretarju kompla jghid li kellu nformazzjoni mid-Dipartiment li l-iskeda kienet se terga tigi emendate biex tinkludi s-suggerimenti li rcieva d-dipartiment.

4.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius ghamel referenza ghall-pagament numru 19 ta' Media Graphic u kkummenta li l-pagament qabez l-ammont maqbul. Is-Sindku spjega li meta l-kunsill fil-laqgha iddecieda l-budget ghar-riklami gew ikkunsidrati l-prezzijiet tar-riklami ta' matul il-gimgha u ma kienx hemm idea li l-prezzijiet tal-riklami fil-gazzetti tal-Hadd kienu daqshekk ghola.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati b' mod unanimu hekk kif ipprezentati (113)

4.5.1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghan-NightFest kien qieghed jippjana li apparti z-zewg billboards jsir reklamar ukoll fuq il-gazzetti. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien qieghed jipproponi li jsir reklamar fuq il-gazzetti tal-hadd u ohrajn fuq dawk ta' matul il-gimgha.

4.5.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li fl-opinjoni tieghu ir-reklami fuq il-gazzetti m' humiex effettivi u kien jippreferi zewg billboards ohra.

4.5.3. Il-Kunsillier George Cortis qal li b' dawk il-flus kien jaghmel reklami fuq ir-radios, tlett ijiem qabel l-attivita.

4.5.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li kien ahjar li l-kunsill jaghmel ghar-reklamar.

4.5.5. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill ma jonfoqx aktar minn €4,000 li jinqasmu bejn reklami fuq il-gazzetti u radio.

## 5. TENDER – VJAL IL-HELSIEN

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li x-xoghol tal-Perit fuq it-tender kien kwazi lest u issa l-pass ta' wara kien li t-tender jigi ezaminat mill-accountant sabiex jigu evitati problemi bhalma kien hemm fi Triq il-Buskett.

## 6. TENDER – ZEBGHA TA' SINJALI TAT-TRAFFIKU

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li b' rizultat tal-progett tal-PPP daqt se jkun hemm 19 il-triq gdida li se jkollhom bzonn sinjali tat-traffiku adegwati. Is-Sindku spjega li dan huwa mpossibli li jsir bil-haddiema tal-kunsill u ghalhekk kien qieghed jipproponi li jinhareg period contract ghal 3 snin. Is-Sindku spjega wkoll li kien tal-idea li l-kunsill jqabbad lill-perit tal-kunsill halli jipprepara site plans bi proposta tas-sinjali kollha halli jitressqu ghall-approvazzjoni tal-kunsill.

6.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li l-Kunsill kellu jara dawk il-lokalitajiet li ghandhom l-aqwa sinjali u jitlob kopja tat-tenders taghhom halli l-kunsill juzahom bhala linja gwida.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni fejn il-kunsill qieghed jaqbel fuq il-principju li jigu preparati dokumenti tat-tender ghall-manutenzjoni u zebgha tas-sinjali tat-traffiku madwar haz-Zebbug wara li ssir konsultazzjoni ma' kunsilli lokali ohrajn u dawn id-dokumenti jigu mressqa ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Huwa gie sekondat mill-kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (114).

Is-Sindku Alfred Grixti talab li punti 8 u 9 tal-agenda jigu diksussi qabel punt 7. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera.

## 8. TENDER / QUOTATIONS - BANDLI TAL-INFETTI

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kien hemm diversi lmenti dwar l-istat ta' dan il-bandli. Is-Sindku spjega li l-idea originali tieghu kienet li johrog tender ghat-tisbieh tieghu izda fuq suggeriment tas-segretarju kien ghamel kuntatt mal-kumpanija IPSL fejn din toffri s-servizzi tal-haddiema assenjati maghha u l-kunsill jipprovdi biss il-materjal. Is-Sindku kompla jghid li kien hemm laqgha ppjanata mas-sur Joe Grillo, CEO tal-IPSL dwar din l-idea.

## 9. LAQGHA GHALL-PUBBLIKU

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien qieghed jipproponi li l-laqgha ghall-pubbliku issir fis-26 ta' Mejju.

9.2. Il-Kunsillier George Cortis wiegeb li fl-opinjoni tieghu il-laqgha kellha ssir fl-ahhar ta' Settembru, bidu ta' Ottubru halli r-residenti jibdew jaraw il-frott tal-hidma tal-kunsill u l-kunsill ma jmurx b' idu f' idu quddiem in-nies. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7. TOROQ PPP

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien ilu jinsisti mad-Dipartiment u s-Segretarjat tal-Onor Chris Said sabiex it-tieni sett ta' toroq taht il-PPP jigu approvati sabiex tinghata mbuttatura fiz-zona tal-Grazzja. Is-Sindku spjega li xi xahar ilu saret PQ ohra dwar dan is-suggett mill-Membru Parlamentari Philip Mifsud. Is-Sindku kompla jghid li bl-ghajnuna tal-kunsillier George Cortis saret laqgha mal-Onor. Mifsud fejn giet spjegata l-problema dwar tal-Grazzja kienet li peress li l-iskema PPP tistipula li toroq li kienu diga assenjati taht kuntratti ohrajn ma jikkwalifikawx ghall-iskema tal-PPP u f' tal-Grazzja numru ta' toroq kienu diga assenjati lil Schembri Infrastructures.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jghid li matul din il-laqgha l-Onor Philip Mifsud fehem din il-problema u grazzi ghal intervent tieghu saret laqgha mal-Onor Chris Said fejn giet spjegata lilu l-problema. Is-Sindku qal li matul il-laqgha regghat saret talba sabiex it-toroq assenjati lil Schembri Infrastructures jigu nkluzi fl-iskema PPP billi jsir aggustament ta' 40% tal-prezz halli jigu koperti l-ispejjez bankarji tal-kuntrattur relatati mal-overdraft peress li dan kien se jithallas fuq perijodu ta' snin. Is-Sindku spjega li kien infurmat li din it-talba kienet se tintlaqa' u l-Kunsill ried jissottometti lista ta' toroq sabiex jigu approvati mid-Dipartiment.

7.3. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kien hemm numru ta' possibilitajiet li l-Kunsill seta jaghzel izda huwa kien qieghed jissuggerixxi li t-tieni fazi

tinkludi t-toroq kollha li kienu diga assenjati lill-Schembri Infrastructures jigifieri; *Triq Anthony Aquilina, Triq Parti Pelagju Mifsud, Triq Hal Dwin, Triq Pietru Buttigieg, Triq Hal Sajd, Triq il-Qamh, Triq ix-Xghir, Triq l-Insig, Triq l-Iskalora, Triq il-Kosbor*, flimkien ma numru ta' toroq ohra sabiex tinghalaq iz-zona tal-Grazzja; *Triq John Zammit, Triq Karlu Gimach, Triq Princep Baziliku, Triq Pawlu Debono.* Il-Kunsillier George Cortis issekonda l-proposta tas-Sindku. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (115).

7.4. Is-Sindku spjega li l-pass li jmiss kien li jikteb lill-Onor Said halli jikkonfermalu l-lista ta' toroq maghzula mill-Kunsill.

7.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf dan ix-xoghol kif ha jaffetwa l-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li ha tkun sfida mhux facli u l-Kunsill ghal bidu se jbati naqra imma dan kollu ghall-gid tar-residenti. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li anke l-Amerka taghmel id-dejn, imma l-importanti huwa li r-residenti jkunu kuntenti u kollox isir ghall-gid tar-rahal.

7.6. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li jawgura li wara l-elezzjoni li jmiss ma tantx ikun hemm tibdil fil-kunsill halli jibqa dan l-ispirtu ta' ghaqda bejn il-kunsilliera halli dawn il-progetti jitmexxew il-quddiem ghall-gid ta' Haz-Zebbug. Is-Sindku spjega li wara li titranga l-infrastruttura tal-lokal huwa ghandu vizjoni ta' progetti ohrajn li jgibu finanzi lejn Haz-Zebbug.

7.7. Is-Sindku Alfred Grixti xtaq li jirringrazzja b' mod ufficjali lill-Onor. Philip Mifsud tal-ghajnuna u l-intervent tieghu.

## 10. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-kunsill kwotazzjoni minghand il-kuntrattur Raymond Calleja sabiex jaghmel xoghol ta' konkoss fi Triq Gulliermo Lorenzi hdejn il-kamra tad-Dawl. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li din iz-zona kienet saret mizbla.

10.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li apparti l-istima tigi prezentata pjanta specifika halli l-kuntrattur ikun marbut jimxi maghha u wara ma jkunx

hemm varjazzjonijiet fuq il-prezz, u l-kuntrattur jiffirma fuq din il-pjanta. Il-Kunsillier Agius qal li huwa jivvota favur din il-mozzjoni bil-kundizzjoni li jittiehdu dawn il-mizuri.

10.3. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex dan ix-xoghol jigi approvat. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (116).

10.4.1. Il-Kunsillier Goerge Cortis gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghaz-zbir ta' sigar fi triq Sciortino. Il-Kunsillier Cortis ikkummenta li ghandu rispett kbir lejn il-kuntrattur u kien qieghed jaghmel xoghol tajjeb hafna izda jahseb li z-zbir f' dan il-kaz, ma kienx qieghed isir sew.

10.4.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li ghal xi perijodu taz-zmien iz-zbir ma kienx qieghed isir fuq is-sigar tal-pjazza bir-rizultat li dawn twalu wisq u kemm ilhom jinzabru l-ahhar snin dawn inzabru biss mill-gnub minhabba li l-kuntrattur ma jistax ilahhaq il-partijiet tan-nofs. Is-Sindku spjega li kienet ghaddeja hidma biex tissolva din il-problema bl-ahjar mod possibli.

10.5. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni dwar il-hadid li hemm fi Triq Sciortino quddiem Pawlu Mifsud li ghandu bzonn naqra manutenzjoni u zebgha.

10.6. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni ghal-problema li nholqot fi Triq Santu Rokku minhabba l-one way li saret fi Triq Agira. Saret talba biex tigi kkunsidrata l-possibilta li Triq Santu Rokku tigi one way ukoll.

10.6.1. Is-Sindku Alfred Grixti informa lill-Kunsill li rigward l-attivitajiet relatati ma' Dun Karm Psaila kienet ix-xewqa tieghu li l-kunsillier Philip Said jorganizza konferenza dwar Dun Karm Psaila u x-xogholijiet tieghu. Il-Kunsillier Said accetta l-offerta tas-Sindku.

10.6.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li kien mistieden bhal diversi Sindki ghal attivita fuq Dun Karm fejn sar kuncert minn kor Ghawdxi. Is-Sindku kkummenta li ma ghogbux il-fatt li l-kunsill ma giex ikkonsultat fuq din l-attivita' meta l-kunsill kien kiteb u kien f' kuntatt mal-Ufficju tal-Prim Ministru dwar l-attivitajiet tal-anniversarju ta' Dun Karm. Is-Sindku talab il-

permess tal-kunsill sabiex jesplora l-possibilta li jorganizza attivita simili fil-knisja arcipretali. Is-Sindku spjega li kien se jaghmel kuntatt mal-manager tal-Bank of Valletta ta' Haz-Zebbug li kien diga tkellem mieghu dwar il-possibilta li l-bank jisponsorja xi inizjattiva tal-Kunsill.

10.6.3. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsill li l-kunsill kien ga qabel dwar l-idea li numru ta' poeziji ta' Dun Karm Psaila jigu muzikati u jsir CD bihom, liema CD kien se jitqassam lit-tfal tal-iskejjel.

## 11. AGGORNAMENT

11.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 2 ta' Gunju fis-7pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.30pm.